## Applikazzjoni għas-Soċji *Membership Application*

Jekk għandek għal qalbek il-Kalkara u tixtieq tidħol soċju mal-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara nitolbuk li timla' din il-formola t'hawn taħt u tibgħatha bil-posta fl-indirizz li jidher iżjed l-isfel flimkien ma' ħlas ta' €5. Tista' tissieħeb ukoll *online* billi tibgħat id-dettalji tiegħek fuq: wirtilkalkara.com/sir-membru

*If you have Kalkara at heart and wish to enrol as a member with Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara please fill the below form and send it by post to the address shown underneath together with a payment of €5. You can also enrol online by sending your details through the following link:* wirtilkalkara.com/sir-membru

| | |
|---|---|
| Isem u Kunjom<br>*Name and Surname* | |
| Indirizz Postali<br>*Postal Address* | |
| Numru tal-Karta tal-Identità<br>*Identity Card Number* | |
| Numru tal-Mowbajl<br>*Mobile Number* | |
| Indirizz tal-Email<br>*Email Address* | |

Ibgħat din il-formola mimlija bil-posta f'dan l-indirizz:
*Please send this filled form through post to this address:*
Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara, 89, 'Sancte Joseph', Triq ir-Rnella, il-Kalkara KKR1230

## F'tebqgħa t'għajn *Quick facts*

Ftit fatti żgħar, interessanti u waħdiena dwar ir-raħal tal-Kalkara:
*Some slight, interesting and unique facts regarding the village of Kalkara:*

- Reġjun / Distrett: Xlokk / Nofsinhar tal-Port
  *Region / District: South Eastern / Southern Harbour*
- Arja *Area*: 1.8km²
- Popolazzjoni *Population*: 3,014
- Densità *Density*: 1,700/km² (4,300/sq mi)
- Demonimu *Demonym*: Kalkariż(m), Kalkariża (f), Kalkariżi (pl)
- Qaddis Patrun: San Ġużepp
  *Patron Saint: Saint Joseph*

- Il-Forti Ricasoli huwa wieħed mill-akbar fortijiet fl-Ewropa, b'arja ta' 83,800m².
  *Fort Ricasoli is one of the largest forts in Europe, with an area of 83,800m².*

- Il-kanun tal-100 tunnellata li jinsab fil-Forti Rinella huwa wieħed mill-akbar fid-dinja.
  *The 100ton cannon situated inside Fort Rinella is one of the largest in the world.*



Disinn u Kitba *Design and Text*: Duncan Brincat
Ritratti *Photos*: Etienne Camilleri, Derston Aquilina
© Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara, 2019

**Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara** VO/1440

c/o 89, 'Sancte Joseph', Triq ir-Rnella, Kalkara KKR1230
*Email:* wirtilkalkara@gmail.com
*Web:* www.wirtilkalkara.com
*Facebook:* www.facebook.com/wirtilkalkara



# Kalkara

**Il-Ġawhra tan-Nofsinhar**
***The Gem of the South***



## Il-Kalkara

Ir-raħal tal-Kalkara jinsab fir-reġjun tax-xlokk ta' Malta u għandu popolazzjoni ta' madwar 3,014. L-isem ġej mill-kelma Latina għall-ġir minħabba l-preżenza ta' kalkara tal-ġir sa minn żmien ir-Rumani, b'hekk il-motto *A Calce Nomen* u l-arma tal-lokal bħala skud aħdar maqsum fi tnejn: nofsu ikħal jirrappreżenta l-baħar u n-nofs l-ieħor deheb bi fjamma taqbad.

L-istorja tal-Kalkara hija mistura fil-passat glorjuż tagħha: il-preżenza ta' raddi tar-roti arkeoloġiċi fl-inħawi tat-Turretta, il-ħaġar Eġizzjan miġjub mill-Feniċi u misjub fl-inħawi ta' Bighi, u t-tħaffir ta' ipoġej Paleo-kristjani fl-inħawi tax-Xagħra ta' Santa Duminku. Barra minn hekk, l-ewwel Knisja tas-Salvatur ġiet mibnija qabel l-1487 u tindika l-preżenza ta' komunità fil-qrib, tgħix permezz tas-sajd u l-biedja.



L-iżvilupp tal-Kalkara kiber fi żmien il-ħakma tal-Kavallieri u tal-Ingliżi, speċjalment bil-bini tal-fortifikazzjonijiet u l-Isptar Navali ta' Bighi. Saret parroċċa awtonoma fl-1897.

Il-Kalkara batiet il-qilla tat-Tieni Gwerra Dinjija, b'numru ta' mwiet u binjiet meqruda. Il-bini mill-ġdid tar-raħal wara l-gwerra wera s-saħħa ta' komunità biex tibda' kollox mill-ġdid: il-Kalkara ġiet trasformata f'ġawhra tal-gżejjer Maltin.

## Kalkara

The village of Kalkara, situated in the South Eastern Region of Malta, has a population of around 3,014. The name is derived from the Latin word for lime due to the presence of a lime kiln since Roman times, hence its motto *A Calce Nomen* and the emblem represented by a green scutcheon divided in two parts: half being blue representing the sea, and the other being gold with a burning flame.



Kalkara's history is buried in its glorious past: the presence of archeological cart-ruts near it-Turretta, Egyptian stelae brought by the Phoenicians found in Bighi, and the construction of the Palaeochristian hypogea in the zone of Xagħra ta' Santa Duminka. Moreover, the first church of Our Saviour built before 1487 implies the presence of a community in the area, sustained through fishing and agriculture.

Development of Kalkara surged during the periods of the Knights and British, especially with the construction of fortifications and Bighi Naval Hospital. It became an independent parish in 1897.

Kalkara bore the brunt of World War II, with a number of casualties and destroyed edifices. Recostruction after the war proved the strength of a community to start afresh: transforming Kalkara into a gem of the Maltese islands.

## L-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara

L-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara, Organizzazzjoni Volontarja rreġistrata mall-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji (VO/1440), twaqqfet fis-sena 2017 b'diversi għanjiet, fosthom:

- Il-ħarsien u t-tisħiħ tal-identità soċjali, kulturali, artistika, reliġjuża u tradizzjonali tal-Kalkara speċjalment billi twassal għarfien b'mod lokali, nazzjonali u anki internazzjonali.
- L-organizzazzjoni ta' attivitajiet u avvenimenti immirati għall-pubbliku b'għan edukattiv.
- L-immaniġjar u finanzjament ta' proġetti fil-Kalkara li jinkludu inizjattivi ġodda u restawr ta' siti storiċi.
- Għajnuna lill-għaqdiet tal-lokalità f'avvenimenti u proġetti skont l-eżiġenzi kurrenti.
- Attivitajiet għas-soċji u l-pubbliku.



Matul l-ewwel snin tagħha, l-Assoċjazzjoni rnexxielha tqiegħed l-bżonn urġenti tar-restawr tal-Forti Ricasoli fuq l-aġenda nazzjonali, filwaqt li ppreżentat diversi rapporti dwar il-Kalkara u l-ambjent tagħha. Fl-2019 għenet permezz ta' *crowd-funding* il-proġett ta' *sea-bin* fix-xatt tal-Kalkara u inawgurat monument f'ġieħ leġġenda tal-Assedju l-Kbir. L-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara hija l-vuċi tar-residenti u dawk li jixtiequ l-aħjar lill-Kalkara.

## The Kalkara Heritage Association

*Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara*, an enrolled Voluntary Organisation with the Office of the Commissioner for Voluntary Organisations (VO/1440), has been established during the year 2017 with various aims, including:

- The conservation and enhancement of the social, cultural, artistical, religious and traditional identity of Kalkara, especially through its promotion locally, nationally and internationally.
- The organization of activities and events aimed towards public education.
- The management and financing of projects in Kalkara, including new initiatives and restoration of historic sites.
- Assistance to local associations through events and projects in accordance to current requirements.
- Activities for members and the general public.



Throughout its few years of existance, the Association managed to place on the national agenda the urgent restoration requirements of Fort Ricasoli, whilst submitting reports on various aspects concerning Kalkara and its environment. During 2019 the Association supported crowd-funding for a sea-bin in Kalkara Creek and inaugurated a monument in honour of a lengend related to the Great Siege of Malta. *Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara* is the voice of the residents and all those who yearn for Kalkara's best.